23 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Wara l-attijiet tar-Rikors nru. 466/1946 fl-ismijiet:—

Salvatore Micallef *versus* Filippu sive Pinu Borg

**Sentenza — "Omessa Decisione" — Art. 238 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15 ta' l-Edizzjoni Riveduta).**

*Meta t-talba hija waħda, imma tkun poġġuta fuq aktar minn motiv wieħed, u s-sentenza tiddeċidi dik it-talba mingħajr ma tirraġuna fuq xi wieħed mill-motivi, ma hemmx lok ta' "omessa decisione".*

*Għax id-domanda hija waħda u s-sentenza eżawriet dik id-domanda.*

*Id-deċiżjoni qiegħda fid-dispożitiv tas-sentenza, u mhux fil-motivazzjoni tagħha. Għalhekk min jippretendi li l-ġudikant ma rraġunax fuq xi wieħed mill-motivi allegati in sostenn tad-domanda ma jistax ifittex ir-rimedju fil-proċedura stabbilita mill-liġi għall-każijiet fejn ikun hemm "omessa decisione".*

Il-Qorti — Rat ir-rikors quddiem il-Board li jirregola l-Kera, preżentat mill-imsemmi Micallef fit-28 ta' Jannar 1947, fejn ippremetta li bir-rikors numru 466/1946 kien talab li jieħu taħt idejh il-fond Ħal Bajjada Street, Sqaq II, No. 9, Rabat, sija għax għandu bżonnu għalih u sija wkoll għax l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond; u li l-Board iddeċieda r-rikors fis-27 ta' Jannar 1947, billi ċaħad it-talba unikament fuq l-ewwel motiv u ometta li jiddeċidi jekk l-intimat biddelx id-destinazzjoni tal-fond; u talab ir-riappuntament ta' l-istess rikors nru. 466/1946, biex jiġi deċiż jekk l-intimat biddelx id-destinazzjoni tal-fond, u f'każ affermativ biex jiġi awtorizzat li jieħu taħt idejh il-fond fuq imsemmi;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Board fit-3 ta' Marzu 1947, li biha ddikjara li ma kienx hemm omissjoni ta' deċiżjoni ta'

talba, u għalhekk li ma kienx hemm lok għal ebda deċiżjoni oħra dwar dik tas-27 ta' Jannar 1947, u bħala konsegwenza ċaħad it-talba magħmula bir-rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar, 1947; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; wara li dak il-Board ikkunsidra;

Illi l-art. 233 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15, jitkellem fuq il-każ meta l-Ewwel Qorti tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, u fit-tieni paragrafu jindika liema huwa r-rimedju f'dak il-każ; illi t-talba kienet waħda, ċjoè r-ripreża tal-pussess ta' fond, u d-deċiżjoni li biha ġiet miċħuda t-talba eżawriet il-meritu kollu tar-rikors, avvolja ma kienetx irraġunat fuq wieħed mill-motivi poġġuti a bażi ta' l-istess talba. Kien ikun differenti l-każ forsi kieku kien hemm lok għal xi deċiżjoni ta' xi pont b'kap separat; illi indipendentement minn kwalunkwe konsiderazzjoni oħra jirriżulta tant ċar mill-attijiet tar-rikors nru. 466/1946, u b'mod speċjali mid-depożizzjoni tal-proprjetarju preċedenti tal-fond, li ma kienx hemm dak it-tibdil ta' destinazzjoni li jippretendi r-rikorrent, u allura din il-proċedura qatt ma kienet ġustifikata;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-imsemmi Salvatore Micallef, li talab li dik id-deċiżjoni tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant għamel talba quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jieħu taħt idejh il-fond Ħal Bajjada Street, Sqaq II, nru. 9, ir-Rabat, billi riedu għall-abitazzjoni tiegħu u tal-familja tiegħu, u billi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond. B'sentenza tas-27 ta' Jannar 1947 il-Board ċaħad dik it-talba, u fil-motivi premessi għal dik is-sentenza ma semma xejn rigward il-pretensjoni ta' l-appellant li l-appellat biddel id-destinazzjoni tal-fond. B'rikors tat-28 ta' Jannar 1947 l-appellant talab li l-proċess jiġi riappuntat u mqiegħed fuq il-lista biex jiġi trattat u deċiż mill-Board jekk l-appellat biddelx id-destinazzjoni tal-fond, u f'każ affermattiv, jiġi żgumbrat minnu. Il-Board, b'deċiżjoni tat-3 ta' Marzu 1947, iddikjara li ma kienx hemm ommissjoni ta' deċiżjoni ta' talba, u għalhekk

ma kienx hemm lok għal ebda deċiżjoni oħra wara dik tas-27 ta' Jannar, u konsegwentement ċaħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Kontra dina d-deċiżjoni ġie mressaq dan l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi bir-rikors tiegħu tat-2 ta' April 1946 l-appellant talab li "jieħu pussess tal-fond in kwistjoni, u li l-intimat jiġi żgumbrat minnu fiż-żmien li jiġi stabbilit mill-Board". Dik it-talba ġiet mill-Board miċħuda, u l-Board bid-deċiżjoni tiegħu eżawrixxa l-meritu kollu involut fir-rikors. Huwa magħruf li d-deċiżjoni tikkonsisti fid-dispożitiv tas-sentenza u mhux fil-motivi premessi, li huma biss il-parti razzjonali, imqegħdin biex ifissru d-dispożitiv tara sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Novembru 1924 in re "Ciancio vs. Pace Axiak", Kollez. Vol. XXIV-I-1078). Għalhekk jekk l-appellant seta' kellu xi rimedju kontra s-sentenza tas-27 ta' Jannar 1947 għar-raġuni minnu miġjuba 'l quddiem, dak ir-rimedju ma seta' qatt ikun dak previst mit-tieni paragrafu ta' l-art. 233 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi ebda talba mressqa bir-rikors ma ġiet imħollija barra fl-imsemmija sentenza tas-27 ta' Jannar 1947;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fit-3 ta' Marzu 1947; bl-ispejjeż kontra l-appellant.